31996D0207

L 73/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.3.1996

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## fuq l-applikazzjoni ta' żewġ Ftehim fil-forma ta' Minuti Stabbiliti bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam fuq in-negozju ta' prodotti tessili u ħwejjeġ

(96/207KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej speċjalment l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2).

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummisjoni,

Billi l-Kummissjoni nnegozjat żewġ Ftehim fil-forma ta' Minuti Stabbiliti f'isem il-Komunitajiet Ewropej biex temenda il-ftehim bilaterali attwali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam fuq negozju ta' prodotti tessili u ħwejjeġ, li kienu mibdija fil-15 ta' Diċembru 1992 u mibdula bil-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri mibdi fl-20 ta' Diċembru 1994;

Billi dawn il-ftehim bilaterali li kienu mibdija fil-11 ta' Novembru 1993 u Fl-1 ta' Awwissu 1995 għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżjonali,sad-dħul l-għeluq tal-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tagħhom,suġġett għal applikazzjoni proviżjonali reċiproka mir-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Ftehim fil-forma ta' Minuti Stabbiliti bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam li jemendu l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam fuq prodotti tessili u ħwejjeġ għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżjonali,sad-dħul il-konklużjoni formali tagħhom,suġġett għal applikazzjoni proviżjonali reċiproka mir-Repubblika Soċjalista tal-Vietnam.

It-testi ta' dawn il-Ftehim fil-forma ta' Minuti Stabbiliti huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1995.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

L. ATIENZA SERNA